IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-31 ta' Ottubru 2008

li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE dwar programmi ta' sorveljanza u qerda u status ta' ħelsien minn mard ta' Stati Membri, żoni u kompartimenti

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6264)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/177/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġijiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi [1], u partikolarment l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 44(1), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 44(2), l-Artikolu 44(3), l-Artikolu 49(1), l-Artikolu 50(2)(a), l-Artikoli 50(3), 51(2), 59(2) u 61(3) u l-Artikolu 64 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2006/88/KE tistabbilixxi miżuri minimi ta' prevenzjoni bil-għan li l-awtoritajiet kompetenti, l-operaturi ta' negozji ta' produzzjoni tal-akkwakultura u oħrajn relatati ma' din l-industrija jkunu jafu aktar dwar il-mard tal-annimali tal-akkwakultura u jitħejjew aħjar għalih, u li jkunu applikati miżuri minimi ta' kontroll jekk ikun hemm suspett ta' ċertu mard jew jekk dan ifaqqa' f'annimali akkwatiċi. Hija tħassar u tissostitwixxi, mill-1 ta' Awwissu 2008, id-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 li tikkonċerna l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw it-tqegħid fis-suq tal-annimali u prodotti tal-akkwakultura [2].

(2) L-Artikolu 44(1) tad-Direttiva 2006/88/KE jipprovdi li, fejn Stat Membru li ma jkunx magħruf li jkun infettat iżda li ma jkunx iddikjarat ħieles minn waħda jew aktar mill-mardiet mhux eżotiċi elenkati fit-Taqsima II tal-Anness tagħha jfassal programm ta' sorveljanza biex jikseb status ta' ħelsien minn waħda jew aktar minn dawk il-mardiet, huwa għandu jissottometti dak il-programm għall-approvazzjoni skont il-proċedura regolatorja.

(3) L-Artikolu 44(1) tad-Direttiva 2006/88/KE jipprovdi wkoll li fejn dak il-programm ta' sorveljanza jkun ikopri kompartimenti jew żoni waħidhom li jikkomprendu anqas minn 75 % tat-territorju tal-Istat Membru u l-kompartiment jew iż-żona jkunu jikkonsistu f'erja ta' qbid ta' ilma li ma tkunx tinqasam ma' Stat Membru ieħor jew pajjiż terz, għandha tkun segwita proċedura differenti, inkluż il-mudell tal-formuli li jkollhom jintbagħtu lill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali ("il-Kumitat"), kif provdut fl-Artikolu 50(2) tad-Direttiva 2006/88/KE.

(4) L-Artikolu 44(2) tad-Direttiva 2006/88/KE jipprovdi li, fejn ikun magħruf li Stat Membru jkun infettat minn waħda jew aktar mill-mardiet mhux eżotiċi elenkati fit-Taqsima II tal-Anness IV tagħha jfassal programm biex jeqred waħda jew aktar minn dawk il-mardiet, huwa għandu jissottometti dak il-programm għall-approvazzjoni skont il-proċedura regolatorja.

(5) Fejn Stat Membru jkun jixtieq jikseb l-istatus ta' ħelsien minn waħda jew aktar mill-mardiet mhux eżotiċi elenkati fit-Taqsima II tal-Anness IV ta' dik id-Direttiva għat-territorju kollu tiegħu skont l-Artikolu 49(1) tad-Direttiva 2006/88/KE, huwa għandu jissottometti prova biex ikun dikjarat ħieles minn mard skont il-proċedura regolatorja.

(6) L-Artikolu 50(1) tad-Direttiva 2006/88/KE jipprovdi li Stat Membru jista' jiddikjara żona jew kompartiment ġewwa t-territorju tiegħu bħala ħieles minn waħda jew aktar mill-mardiet mhux eżotiċi elenkati fit-Taqsima II tal-Anness IV tiegħu taħt ċerti kondizzjonijiet. Stat Membru li jagħmel dikjarazzjoni bħal din għandu jissottomettiha lill-Kumitat skont il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu.

(7) Barra minn dan, l-Artikolu 50(3) tad-Direttiva 2006/88/KE jipprovdi li fejn dik iż-żona jew kompartiment jikkomprendi aktar minn 75 % tat-territorju tal-Istat Membru jew ikun jikkonsisti f'erja ta' qbid ta' ilma li tkun tinqasam ma' Stat Membru ieħor jew pajjiż terz, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 50(2) ta' dik id-Direttiva għandha tkun sostitwita mill-proċedura regolatorja.

[1] ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14.
[2] ĠU L 46, 19.2.1991, p. 1.

(8) Jeħtieġ li jkunu stabbiliti dispożizzjonijiet dettaljati biex ikun speċifikat f'liema każijiet għandhom ikunu approvati programmi ta' sorveljanza u dikjarazzjonijiet ta' status ta' ħelsien minn mard skont il-proċedura regolatorja.

(9) Għandhom jitfasslu listi ta' Stati Membri, żoni jew kompartimenti soġġetti għal programmi ta' sorveljanza jew qerda approvati skont il-proċedura regolatorja, jew li għalihom ikun ġie approvat status ta' ħelsien minn mard.

(10) Għandhom jitfasslu wkoll mudelli ta' formuli għas-sottomissjoni ta' programmi ta' sorveljanza għal approvazzjoni u għal dikjarazzjonijiet ta' programmi bħal dawn. Għandu jitfassal ukoll mudell ta' formula għal Stati Membri biex jirrapportaw dwar l-evoluzzjoni ta' ċerti programmi ta' qerda u ċerti programmi ta' sorveljanza. Barra minn hekk, għandu jitfassal mudell ta' formula għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal status ta' ħelsien minn mard għal approvazzjoni u għal dikjarazzjonijiet ta' status bħal dan.

(11) L-Anness V tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/425/KE tal-25 ta' April 2008 [1] li tistabbilixxi rekwiżiti standard biex l-Istati Membri jissottomettu programm nazzjonali għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard u żoonożi fl-annimali għal finanzjament Komunitarju jinkludi l-analiżi dettaljata tal-ispiża tal-programmi li għalihom l-Istati Membri jkunu jixtiequ jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja. Fl-interess tal-konsistenza tal-liġijiet Komunitarji, il-mudell tal-formula għas-sottomissjoni ta' programmi ta' qerda għal approvazzjoni skont id-Direttiva 2006/88/KE għandu jkun konformi mal-mudell li jinsab f'dak l-Anness.

(12) Tkun meħtieġa informazzjoni annwali mingħand l-Istati Membri biex tkun eżaminata l-evoluzzjoni ta' programmi ta' sorveljanza approvati, kif ukoll ta' programmi ta' qerda approvati li ma jkunux soġġetti għal finanzjament Komunitarju. Għal dak il-għan, għandu jintbagħat rapport kull sena lill-Kummissjoni. Minħabba li programmi ta' qerda soġġetti għal finanzjament Komunitarju huma skont l-iskop tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [2], l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw dwar il-kwistjonijiet tekniċi u finanzjarji ta' dawk il-programmi b'mod konformi ma' dik id-Deċiżjoni.

(13) Dikjarazzjoni ta' programmi ta' sorveljanza u dikjarazzjonijiet ta' status ta' ħelsien minn mard mibgħuta mill-Istati Membri lill-Kumitat għandhom ikunu aċċessibbli mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri l-oħra b'mezzi elettroniċi. Is-soluzzjoni l-aktar fattibbli b'mod tekniku hija li jkun hemm paġna ta' informazzjoni fuq l-Internet, billi din tiżgura aċċess faċli għal dikjarazzjonijiet bħal dawn.

(14) Skont id-Direttiva 91/67/KEE, id-deċiżjonijiet li ġejjin approvaw żoni meħlusin minn mard, irziezet tal-ħut u programmi li għandhom l-għan li jinkiseb l-istatus ta' ħelsien minn mard: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/308/KE tat-22 ta' April 2002 li tistabbilixxi listi ta' żoni u postijiet ta' tkabbir rigward waħda jew aktar mill-mard tal-ħut viral haemorrhagic septicaemia (VHS) u infectious haematopoietic necrosis (IHN) [3], id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/300/KE tat-18 ta' April 2002 li tistabbilixxi l-lista taż-żoni li għandhom l-approvazzjoni rigward il-*Bonamia ostreae* u/jew il-*Marteilia refringens* [4], Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/634/KE tat-28 ta' Awwissu 2003 li tapprova programmi li għandhom l-għan li jinkiseb l-istatus ta' żoni approvati u rziezet approvati f'żoni li mhumiex approvati fir-rigward ta' viral haemorrhagic septicaemia (VHS) u infectious haematopoietic necrosis (IHN) fil-ħut [5], u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/722/KE tal-25 ta' Ottubru 1994 li tapprova l-programm fir-rigward tal-bonamiosis u l-marteiliosis sottomess minn Franza [6].

(15) Il-kriterji għal status ta' ħelsien minn mard fid-Direttiva 2006/88/KE huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva 91/67/KEE, fir-rigward tal-approvazzjoni tat-territorju kollu tal-Istati Membri, żoni kontinentali u rziezet f'żoni mhux approvati.

(16) Għalhekk, żoni kontinentali u rziezet approvati skont id-Direttiva 91/67/KEE ma jeħtiġilhomx ikunu ddikjarati lill-Kumitat skont id-Direttiva 2006/88/KE. Għandhom ukoll ikunu inklużi fil-lista ta' żoni u kampartimenti aċċessibbli fil-paġni fuq l-Internet stabbilita b'din id-Deċiżjoni.

(17) Iżda l-kunċett ta' żona kostali mhux mogħti fid-Direttiva 2006/88/KE. Postijiet approvati bħala żoni kostali meħlusin minn mard skont id-Direttiva 91/67/KEE għandhom, għalhekk, ikunu eżaminati mill-ġdid mill-Istati Membri u għandha tintbagħat applikazzjoni ġdida, jew jekk ikun il-każ, dikjarazzjoni ġdida, skont id-Direttiva 2006/88/KE.

(18) Id-Deċiżjonijiet 2002/300/KE u 2002/308/KE għandhom, għalhekk, jitħassru mill-1 ta' Awwissu 2009, u b'hekk l-Istati Membri jitħallew ikollhom żmien biżżejjed biex jibagħtu dikjarazzjonijiet ġodda jew applikazzjonijiet fir-rigward ta' dawk iż-żoni kostali.

[1] ĠU L 159, 18.6.2008, p. 1.
[2] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19.
[3] ĠU L 106, 23.4.2002, p. 28.
[4] ĠU L 103, 19.4.2002, p. 24.
[5] ĠU L 220, 3.9.2003, p. 8.
[6] ĠU L 288, 9.11.1994, p. 47.

(19) Id-distinzjoni bejn programmi ta' sorveljanza u ta' qerda mhix mogħtija fid-Direttiva 91/67/KEE. Iżda minħabba li r-rekwiżiti li japplikaw għal programmi bħal dawn huma ekwivalenti, il-programmi approvati skont id-Deċiżjonijiet 2003/634/KE u 94/722/KE għandhom jitqiesu bħala konformi mad-Direttiva 2006/88/KE. Bil-għan li jkun identifikat liema minn dawk il-programmi għandhom jitqiesu bħala programmi ta' sorveljanza jew ta' qerda u jkunu inklużi fil-listi rilevanti li jinsabu f'din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri għandhom jagħtu informazzjoni dwar dawk il-programmi lill-Kumitat sat-30 ta' April 2009.

(20) Il-miżuri mogħtija f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

SEZZJONI 1

SOTTOMISSJONI TA' PROGRAMMI TA' SORVELJANZA U DIKJARAZZJONIJIET TA' STATUS TA' ĦELSIEN MINN MARD GĦAL APPROVAZZJZONI

Artikolu 1

Kondizzjonijiet għal sottomissjoni ta' programmi ta' sorveljanza għal approvazzjoni

1. Programmi ta' sorveljanza għandhom jintbagħtu biss, kif provdut fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 44(1) tad-Direttiva 2006/88/KE, jekk ikunu jkopru:

(a) it-territorju kollu tal-Istat Membru;

(b) kompartimenti jew gruppi tagħhom, li jkunu jikkomprendu aktar minn 75 % tal-erja kostali tal-Istat Membru kkonċernat fir-rigward ta' mard li jolqot biss speċijiet ta' ilma mielaħ;

(ċ) żoni u kompartimenti, jew gruppi tagħhom, li jikkomprendu aktar minn 75 % tal-erja kontinentali tal-Istat Membru kkonċernat fir-rigward ta' mard li jolqot biss speċijiet ta' ilma ħelu;

(d) żoni u kompartimenti, jew gruppi tagħhom, li jikkomprendu aktar minn 75 % tal-erja kontinentali u tal-erja kostali tal-Istat Membru kkonċernat fir-rigward ta' mard li jolqot speċijiet kemm ta' ilma ħelu kif ukoll ta' ilma mielaħ; jew

(e) żoni u kompartimenti, li jikkonsistu f'erjas ta' qbid ta' ilma maqsumin ma' Stat Membru ieħor jew pajjiż terz.

2. Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, kompartiment jew grupp ta' kompartimenti ta' erja kostali għandhom jitqiesu li jkopru aktar minn 75 % tal-erja kostali ta' Stat Membru meta jkopru aktar minn 75 % tal-linja kostali, imkejla tul il-linja bażi tal-kosta.

Artikolu 2

Kondizzjonijiet għas-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' status ta' ħelsien minn mard għal approvazzjoni

Dikjarazzjonijiet ta' status ta' ħelsien minn mard għandhom jintbagħtu biss għal approvazzjoni, kif provdut fl-Artikolu 50(3) tad-Direttiva 2006/88/KE, jekk id-dikjarazzjoni tkun konformi ma' waħda mill-kondizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 1(1) ta' din id-Deċiżjoni.

SEZZJONI 2

LISTI TA' STATI MEMBRI, ŻONI U KOMPARTIMENTI SOĠĠETTI GĦAL PROGRAMMI TA' SORVELJANZA U QERDA APPROVATI U POSTIJIET ĦIELSA MINN MARD

Artikolu 3

Stati Membri, żoni u kompartimenti soġġetti għal programmi ta' sorveljanza approvati

Stati Membri, żoni u kompartimenti soġġetti għal programm ta' sorveljanza approvat skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 44(1) tad-Direttiva 2006/88/KE huma elenkati fit-tieni u r-raba' kolonna tat-tabella fit-Taqsima A tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni fir-rigward tal-mard speċifikat f'dik it-tabella.

Artikolu 4

Stati Membri, żoni u kompartimenti soġġetti għal programmi ta' qerda approvati

Stati Membri, żoni u kompartimenti soġġetti għal programm ta' qerda approvat skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 44(2) tad-Direttiva 2006/88/KE huma elenkati fit-tieni u r-raba' kolonna tat-tabella fit-Taqsima B tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni fir-rigward tal-mard speċifikat f'dik it-tabella.

Artikolu 5

Stati Membri, żoni u kompartimenti ħielsa minn mard

Stati Membri dikjarati bħala ħielsa minn mard skont l-Artikolu 49(1) tad-Direttiva 2006/88/KE, u żoni u kompartimenti ddikjarati ħielsa minn mard skont l-Artikolu 50(3) ta' dik id-Direttiva, huma elenkati fit-tieni u r-raba' kolonna tat-tabella fit-Taqsima C tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni fir-rigward tal-mard speċifikat f'dik it-tabella.

SEZZJONI 3

MUDELL TA' FORMULI GĦAL SOTTOMISSJONIJIET TA' DIKJARAZZJONIJIET U APPLIKAZZJONIJIET

Artikolu 6

Mudell ta' formuli għal programmi ta' sorveljanza

1. Sottomissjonijiet għall-approvazzjoni ta' programmi ta' sorveljanza, kif provdut fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 44(1) tad-Direttiva 2006/88/KE, għandhom ikunu konformi mal-mudell tal-formuli li jinsab fl-Annessi II u III ta' din id-Deċiżjoni.

2. Sottomissjonijiet għal dikjarazzjonijiet ta' programmi ta' sorveljanza, kif ipprovdut fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 44(1) tad-Direttiva 2006/88/KE, għandhom ikunu konformi mal-mudell tal-formula li jinsab fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 7

Mudell ta' formula għal programmi ta' qerda

Sottomissjonijiet għall-approvazzjoni ta' programmi ta' qerda, kif ipprovdut fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 44(2) tad-Direttiva 2006/88/KE, għandhom ikunu konformi mal-mudell tal-formula li jinsab fl-Anness V tad-Deċiżjoni 2008/425/KE.

Artikolu 8

Mudell ta' formuli għas-sottomissjsoni għal status ta' ħelsien minn mard

1. Sottomissjonijiet ta' dokumentazzjoni għall-approvazzjoni ta' status ta' ħelsien minn mard, kif ipprovdut fl-Artikolu 49(1) u fl-Artikolu 50(3) tad-Direttiva 2006/88/KE, għandhom ikunu konformi mal-mudell tal-formuli li jinsab fl-Annessi IV u V ta' din id-Deċiżjoni.

2. Sottomissjonijiet ta' dikjarazzjonijiet ta' status ta' ħelsien minn mard ta' żoni jew kompartimenti, kif provdut fl-Artikolu 50(2) tad-Deċiżjoni 2006/88/KE, għandhom ikunu konformi mal-mudell tal-formuli li jinsab fl-Annessi IV u V ta' din id-Deċiżjoni.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, meta status ta' ħelsien minn mard ikollu jinkiseb skont l-Artikoli 49(1)(a), (b) jew il-punt 1 tat-Taqsima I tal-Anness V tad-Direttiva 2006/88/KE, l-Istati Membri ma jkunx jeħtiġilhom li jissottomettu l-mudell tal-formuli li jinsab fl-Anness V ta' din id-Deċiżjoni.

SEZZJONI 4

OBBLIGI TA' RAPPORTI U INFORMAZZJONI BL-INTERNET

Artikolu 9

Rapportaġġ

Mhux aktar tard mit-30 ta' April ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport lill-Kummissjoni dwar:

(a) programmi ta' sorveljanza approvati skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 44(1) tad-Direttiva 2006/88/KE;

(b) programmi ta' qerda mhux soġġetti għal finanzjament u approvati skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 44(2) ta' dik id-Direttiva.

Ir-rapport għandu jkun konformi mal-mudell tal-formula li jinsab fl-Anness VI ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 10

Paġni ta' informazzjoni bl-Internet

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jaġġornaw paġni ta' informazzjoni bl-Internet biex jagħmlu:

(a) dikjarazzjonijiet ta' programmi ta' sorveljanza mibgħuta lill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali ('il-Kumitat'), skont ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 44(1) u l-Artikolu 50(2) tad-Direttiva 2006/88/KE, aċċessibbli għall-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra;

(b) dikjarazzjonijiet ta' status ħieles minn mard mibgħuta lill-Kumitat, skont l-Artikolu 50(2) ta' dik id-Direttiva, aċċessibbli għall-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra;

(ċ) disponibbli għall-pubbliku l-lista ta' żoni jew kompartimenti ddikjarati soġġetti għal programm ta' sorveljanza approvat jew ħielsa minn mard, skont l-Artikolu 50(2) ta' dik id-Direttiva.

2. Meta l-Istati Membri jippubblikaw fil-paġni ta' informazzjoni bl-Internet id-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, huma għandhom mill-ewwel jinnotifikaw b'dan lill-Kummissjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-indirizzi fuq l-Internet tal-paġni ta' informazzjoni bl-Internet kif imsemmi fil-paragrafu 1.

SEZZJONI 5

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI

Artikolu 11

Dispożizzjonijiet tranżitorji fir-rigward ta' postijiet ħielsa minn mard

1. Żoni kontinentali rikonoxxuti bħala approvati fir-rigward ta' viral haemorrhagic septicaemia (VHS) u infectious haematopoietic necrosis (IHN) mid-Deċiżjoni 2002/308/KE u elenkati fl-Anness I tagħha għandhom jitqiesu bħala żoni konformi mar-rekwiżiti għal żoni ħielsa minn mard li jinsabu fl-Anness V tad-Direttiva 2006/88/KE.

2. Rziezet tal-ħut rikonoxxuti bħala approvati fir-rigward tal-VHS u l-IHN mid-Deċiżjoni 2002/308/KE u elenkati fl-Anness II tagħha għandhom jitqiesu bħala kompartimenti konformi mar-rekwiżiti għal kompartimenti ħielsa minn mard li jinsabu fl-Anness V tad-Direttiva 2006/88/KE.

3. Żoni kontinentali u rziezet tal-ħut imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu inklużi fil-lista ta' żoni u kompartimenti stabbiliti skont l-Artikolu 10(1)(c).

4. B'deroga mill-Artikolu 50(2) tad-Direttiva 2006/88/KE, l-Istati Membri m'għandux ikun jeħtiġilhom li jibagħtu dikjarazzjonijiet lill-Kumitat, fir-rigward taż-żoni kontinentali u rziezet tal-ħut imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 12

Dispożizzjonijiet tranżitorji fir-rigward ta' programmi approvati

1. B'deroga mill-Artikolu 44 tad-Direttiva 2006/88/KE, l-Istati Membri m'għandux ikun jeħtiġilhom li jibagħtu programmi ta' sorveljanza u qerda li kienu approvati bil-għan li jinkiseb status ta' żona fir-rigward ta':

(a) VHS u IHN bid-Deċiżjoni 2003/634/KE;

(b) *bonamiosis* u *marteiliosis* bid-Deċiżjoni 94/722/KE.

2. Sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2009, l-Istati Membri konċernati għandhom jibagħtu rapport lill-Kummissjoni dwar il-programmi msemmijin fil-paragrafu 1, li għandu jkollu mill-anqas:

(a) informazzjoni dwar id-dimarkazzjoni ġeografika tal-programmi;

(b) l-informazzjoni meħtieġa skont l-Anness VI għall-erba' snin ta' qabel ta' implimentazzjoni tal-programmi.

SEZZJONI 6

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 13

Revoka

Id-Deċiżjoni 2002/300/KE u 2002/308/KE huma revokati b'effett mill-1 ta' Awwissu 2009.

Artikolu 14

Applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Novembru 2008.

Artikolu 15

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 31 ta' Ottubru 2008.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

TAQSIMA A

Stati Membri, żoni u kompartimenti soġġetti għal programmi ta' sorveljanza approvati

Marda	Stat Membru	Kodiċi	Dimarkazzjoni ġeografika tal-erja skont programm ta' sorveljanza (Stat Membru, żoni jew kompartimenti)
Viral haemorrhagic septicaemia (VHS)			
Infectious haematopoietic necrosis (IHN)			
Il-marda ta' koi herpes virus (KHV)			
L-anemija infettiva tas-salamun (ISA)			
Infezzjoni mill-*Marteilia refringens*			
Infezzjoni mill-*Bonamia ostreae*			
Il-marda tal-ponot bojod			

TAQSIMA B

Stati Membri, żoni u kompartimenti soġġetti għal programmi ta' qerda approvati

Marda	Stat Membru	Kodiċi	Dimarkazzjoni ġeografika taż-żona skont programm ta' qerda (Stat Membru, żoni jew kompartimenti)
Viral haemorrhagic septicaemia (VHS)			
Infectious haematopoietic necrosis (IHN)			
Il-marda ta' koi herpes virus (KHV)			
L-anemija infettiva tas-salamun (ISA)			
Infezzjoni mill-*Marteilia refringens*			
Infezzjoni mill-*Bonamia ostreae*			
Il-marda tal-ponot bojod			

TAQSIMA C

Stati Membri, żoni u kompartimenti ddikjarati ħielsa minn mard

Marda	Stat Membru	Kodiċi	Dimarkazzjoni ġeografika taż-żona ħielsa minn mard (Stat Membru, żoni jew kompartimenti)
Viral haemorrhagic septicaemia (VHS)	Id-Danimarka	DK	L-erjas ta' qbid ta' ilma u l-erjas kostali ta': — Hansted Å — Hovmølle Å — Grenå — Treå — Alling Å — Kastbjerg — Villestrup Å — Korup Å — Sæby Å — Elling Å — Uggerby Å — Lindenborg Å — Øster Å — Hasseris Å — Binderup Å — Vidkær Å — Dybvad Å — Bjørnsholm Å — Trend Å — Lerkenfeld Å — Vester Å — Lønnerup med tilløb — Fiskbæk Å — Slette Å — Bredkær Bæk — Vandløb til Kilen — Resenkær Å — Klostermølle Å — Hvidbjerg Å — Knidals Å — Spang Å — Simested Å — Skals Å — Jordbro Å — Fåremølle Å — Flynder Å — Damhus Å — Karup Å — Gudenåen — Halkær Å — Storåen — Århus Å — Bygholm Å — Grejs Å — Ørum Å
	L-Irlanda	IE	L-erjas kontinentali u kostali kollha ġewwa t-territorju tagħha, ħlief: 1. Cape Clear Island
	Ċipru	CY	L-erjas kollha kontinentali ġewwa t-territorju tiegħu
	Il-Finlandja	FI	L-erjas kontinentali u kostali kollha ġewwa t-territorju tagħha, ħlief: 1. il-Provinċja ta' Åland; 2. il-muniċipalitajiet ta' Uusikaupunki, Pyhäranta u Rauma.
	L-Iżvezja	SE	It-territorju kollu
	Ir-Renju Unit	UK	L-erjas kontinentali u kostali kollha ġewwa t-territorju tiegħu, ħlief: 1. L-erjas tal-qbid tax-xmara Ouse mill-għejun tagħha sal-limiti tal-marea normali tagħha f'Naburn Lock u Weir; u 2. żona ta' lqugħ magħmula mill-ilmijiet ta' Humber Estuary mil-limiti tal-marea normali f'Barmby Barrage, Naburn Lock u Weir, ir-Railway Bridge f'Ulleskelf, Chapel Haddlesey Weir u Long Sandall Lock sa linja maqtugħa lejn it-tramuntana mill-moll ta' Whitgift. L-erjas kontinentali u kostali kollha fl-Irlanda ta' Fuq, Guernsey, l-Isle of Man u Jersey.

Marda	Stat Membru	Kodiċi	Dimarkazzjoni ġeografika taż-żona ħielsa minn mard (Stat Membru, żoni jew kompartimenti)
Infectious haematopoietic necrosis (IHN)	Id-Danimarka	DK	It-territorju kollu
	L-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	Ċipru	CY	L-erjas kontinentali kollha fit-territorju tiegħu
	Il-Finlandja	FI	It-territorju kollu
	L-Iżvezja	SE	It-territorju kollu
	Ir-Renju Unit	UK	L-erjas kontinentali u kostali kollha ġewwa l-Gran Brittanja, l-Irlanda ta' Fuq, Guernsey, l-Isle of Man u Jersey.
Il-marda ta' koi herpes virus (KHV)			
L-anemija infettiva tas-salamun (ISA)	Il-Belġju	BE	It-territorju kollu
	Il-Bulgarija	BG	It-territorju kollu
	Ir-Repubblika Ċeka	CZ	It-territorju kollu
	Id-Danimarka	DK	It-territorju kollu
	Il-Ġermanja	DE	It-territorju kollu
	L-Estonja	EE	It-territorju kollu
	L-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	Il-Greċja	EL	It-territorju kollu
	Spanja	ES	It-territorju kollu
	Franza	FR	It-territorju kollu
	L-Italja	IT	It-territorju kollu
	Ċipru	CY	It-territorju kollu
	Il-Latvja	LV	It-territorju kollu
	Il-Litwanja	LT	It-territorju kollu
	Il-Lussemburgu	LU	It-territorju kollu
	L-Ungerija	HU	It-territorju kollu
	Malta	MT	It-territorju kollu
	L-Olanda	NL	It-territorju kollu
	L-Awstrija	AT	It-territorju kollu
	Il-Polonja	PL	It-territorju kollu
	Il-Portugall	PT	It-territorju kollu
	Ir-Rumanija	RO	It-territorju kollu
	Is-Slovenja	SI	It-territorju kollu
	Is-Slovakkja	SK	It-territorju kollu
	Il-Finlandja	FI	It-territorju kollu
	L-Iżvezja	SE	It-territorju kollu
	Ir-Renju Unit	UK	It-territorju kollu

Marda	Stat Membru	Kodiċi	Dimarkazzjoni ġeografika taż-żona ħielsa minn mard (Stat Membru, żoni jew kompartimenti)
Infezzjoni mill-Marteilia refringens	L-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	Ir-Renju Unit	UK	Il-linja kostali kollha tal-Gran Brittanja, l-Irlanda ta' Fuq, Guernsey, Herm u l-Isle of Man. Il-linja kostali kollha tal-Irlanda ta' Fuq. Il-linja kostali kollha ta' Guernsey u Herm. Il-linja kostali tal-Istat ta' Jersey: l-erja hija magħmula mill-erja kostali intermarea u immedjata bejn il-marka medja tal-ogħla livell tal-baħar fil-Gżira ta' Jersey u linja immaġinarja maqtugħa tliet mili nawtiċi mill-marka medja l-aktar baxxa tal-baħar tal-Gżira ta' Jersey. Iż-żona tinsab fil-Golf ta' Normano-Breton, fin-naħa ta' isfel tal-Kanal Ingliż. Il-linja kostali kollha tal-Isle of Man.
Infezzjoni mill-Bonamia ostreae	L-Irlanda	IE	Il-linja kostali kollha tal-Irlanda, ħlief: 1. Il-Port ta' Cork 2. Il-Bajja ta' Galway 3. Il-Port ta' Ballinakill 4. Il-Bajja ta' Clew 5. Achill Sound 6. Loughmore, fil-Bajja ta' Blacksod 7. Lough Foyle 8. Lough Swilly
	Ir-Renju Unit	UK	Il-linja kostali kollha tal-Gran Brittanja, ħlief: 1. il-kosta tan-nofsinhar ta' Cornwall mil-Lizard sa Start Point; 2. il-kosta ta' Dorset, Hampshire u Sussex minn Portland Bill sa Selsey Bill; 3. l-erja tul il-kosta ta' North Kent u Essex minn North Foreland sa Felixstowe; 4. l-erja tul il-kosta fil-lbiċ ta' Wales minn Wooltack Point sa St Govan's Head, inklużi Milford Haven u l-ilmijiet marea tax-xmara Cleddau tal-Lvant u l-Punent; 5. l-erja fejn jinsabu l-ilmijiet ta' Loch Sunart fil-lvant ta' linja maqtugħa fin-nofsinhar ix-xlokk fit-tarf l-aktar tat-tramuntana ta' Maclean's Nose sa Auliston Point; 6. l-erja fejn hemm West Loch Tarbert fil-grigal ta' linja maqtugħa Xlokk il-Lvant f'Ardpatrick Point NR 734578 sal-Bajja ta' North Dunskeig f'NR 752568. Il-linja kostali kollha tal-Irlanda ta' Fuq, ħlief: 1. Lough Foyle Il-linja kostali ta' Guernsey, Herm u l-Isle of Man. L-erja kostali tal-Istat ta' Jersey: l-erja hija magħmula mill-erja kostali intermarea u immedjata bejn il-marka medja tal-ogħla livell tal-baħar fuq il-Gżira ta' Jersey u linja immaġinarja maqtugħa tliet mili nawtiċi mill-marka medja l-aktar baxxa tal-baħar tal-Gżira ta' Jersey. Iż-żona tinsab fil-Golf ta' Normano-Breton, fin-naħa ta' isfel tal-Kanal Ingliż.
Il-marda tal-ponot bojod			

ANNESS II

Mudell għal sottomissjoni ta' programmi ta' sorveljanza għal approvazzjoni u għal dikjarazzjonijiet ta' programmi ta' sorveljanza

Rekwiżiti/informazzjoni li għandha tintbagħat	Informazzjoni/Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni ulterjuri
1. **Identifikazzjoni tal-programm**	
1.1. L-Istat Membru Dikjaranti	
1.2. L-Awtorità kompetenti (indirizz, faks, posta elettronika)	
1.3. Ir-Referenza ta' dan id-dokument	
1.4. Id-Data meta ntbagħat lill-Kummissjoni	
2. **Tip ta' komunikazzjoni**	
2.1. ☐ Dikjarazzjoni għal programm ta' sorveljanza	
2.2. ☐ Applikazzjoni għal programm ta' sorveljanza	
3. **Il-leġislazzjoni nazzjonali** [1]	
4. **Mard**	
4.1. Ħut	☐ VHS ☐ IHN ☐ ISA ☐ KHV
4.2. Molluski	☐ Marteilia refringens ☐ Bonamia ostreae
4.3. Krustaċej	☐ Marda tal-ponot bojod
5. **Informazzjoni ġenerali dwar il-programmi**	
5.1. L-Awtorità kompetenti [2]	
5.2. Organizzazzjoni u superviżjoni tal-partijiet interessati kollha involuti fil-programm [3]	
5.3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-industrija tal-akkwakultura fl-erja in kwistjoni inklużi tipi ta' produzzjoni u speċijiet miżmuma.	
5.4. Sa minn meta n-notifika lill-awtorità kompetenti dwar is-suspett u l-konferma tal-marda/mardiet in kwistjoni kienet obbligatorja (data)?	
5.5. Meta tlestiet sistema ta' sejba bikrija kullimkien fl-Istat Membru kollu, biex l-awtorità kompetenti kienet tkun tista' twettaq stħarriġ u rapportaġġ effikaċi dwar mard (data)? [4]	

Rekwiżiti/informazzjoni li għandha tintbagħat	Informazzjoni/Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni ulterjuri
5.6. Sors ta' annimali tal-akkwakultura ta' speċijiet suxxettibbli għall-marda msemmija li tidħol fl-Istat Membru, fiż-żona jew fil-kompartimenti għat-trobbija tal-annimali	
5.7. Linji gwida dwar prattika tajba ta' iġjene ([5])	
5.8. Il-qagħda epidemjoloġika tal-marda mill-anqas matul l-erba' snin qabel il-bidu tal-programm ([6])	
5.9. Id-deskrizzjoni tal-programm sottomess ([7])	
5.10. Kemm ikun se jdum il-programm	
6. **Erja koperta** ([8])	
6.1. ☐ Stat Membru	
6.2. ☐ Żona (l-erja kollha ta'qbid ta' ilma) ([9])	
6.3. ☐ Żona (parti mill-erja ta' qbid ta' ilma) ([10]) Identifika u ddeskrivi l-ilqugħ artifiċjali jew naturali li jillimita ż-żona u ġġustifika għaliex dan jista' ma jħallix li ssir il-migrazzjoni 'l fuq ta' annimali akkwatiċi mill-wesgħat ta' isfel tal-erja ta' qbid ta' ilma.	
6.4. ☐ Żona (aktar minn erja waħda ta' qbid ta' ilma) ([11])	

6.5. ☐ Kompartiment indipendenti mill-istatus ta' saħħa tal-madwar ([12])		
Identifika u ddeskrivi għal kull razzett il-provvista ta' ilma ([13])	☐ Bir, toqba jew nixxiegħa ☐ Impjant għat-trattament tal-ilma li jinattiva l-patoġenu rilevanti ([14])	
Identifika u ddeskrivi għal kull razzett ilqugħ naturali jew artifiċjali u ġġustifika għaliex dawn jistgħu ma jħallux annimali akkwatiċi milli jidħlu f'kull razzett f'kompartiment mill-kanali tal-ilma.		
Identifika u ddeskrivi għal kull razzett il-protezzjoni kontra l-għar-għar u ilma jnixxi mill-madwar		
6.6. ☐ Kompartiment dipendenti mill-istatus ta' saħħa tal-madwar ([15])		
☐ Unità epidemjoloġika waħda minħabba l-lokalizzazzjoni ġeografika u d-distanza minn irziezet/postijiet ta' tkabbir ([16])		
☐ L-irziezet kollha li jiffurmaw il-kompartiment jaqgħu taħt sistema komuni ta' bijosigurtà ([17])		
☐ Kull rekwiżit addizzjonali ([18])		
6.7. Rziezet jew postijiet ta' tkabbir tal-molluski koperti mill-programm (numri ta' reġistrazzjoni u qagħda ġeografika)		

Rekwiżiti/informazzjoni li għandha tintbagħat	Informazzjoni/Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni ulterjuri
7. **Miżuri tal-programm sottomess**	
7.1. Sommarju tal-miżuri skont il-programm	
L-ewwel sena ☐ Ittestjar ☐ Ħsad għal konsum tal-bniedem jew għal aktar ipproċessar ☐ Immedjat ☐ Tardiv ☐ Tneħħija u rimi ☐ Immedjat ☐ Tardiv ☐ Miżuri oħra (semmihom)	L-aħħar sena ☐ Ittestjar ☐ Ħsad għal konsum tal-bniedem jew għal aktar ipproċessar ☐ Immedjat ☐ Tardiv ☐ Tneħħija u rimi ☐ Immedjat ☐ Tardiv ☐ Miżuri oħra (semmihom)
7.2. Deskrizzjoni tal-miżuri tal-programm ([19])	
Kwantitajiet/speċijiet immirati	
Testijiet użati u skemi ta' teħid ta' kampjuni. Laboratorji involuti fil-programm ([20])	
Regoli dwar movimenti ta' annimali	
Miżuri f'każ ta' riżultat pożittiv ([21])	
Kontroll u superviżjoni għall-implimentazzjoni tal-programm u rapportaġġ	

(1) Il-leġislazzjoni nazzjonali fis-seħħ applikabbli għall-programm ta' sorveljanza.

(2) Għandha tingħata deskrizzjoni tal-istruttura, il-kompetenzi, id-dmirijiet u s-setgħat tal-awtorità kompetenti involuta.

(3) Għandha tingħata deskrizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli mis-superviżjoni u l-koordinazzjoni tal-programm u tal-operaturi differenti involuti.

(4) Is-sistemi ta' sejbiet bikrija għandhom b'mod partikolari jiżguraw li jsir magħruf mill-ewwel kull sinjal kliniku konsistenti mas-suspett ta' xi marda, marda li tkun qed tiżviluppa jew mortalità mingħajr spjegazzjoni f'irziezet jew f'postijiet ta' tkabbir tal-molluski, u fis-selvaġġ, u l-komunikazzjoni malajr ta' dak li jkun seħħ lill-awtorità kompetenti bil-għan li jingħata bidu għal investigazzjoni dijanjostika b'dewmien mill-anqas. Is-sistema ta' sejba bikrija għandha tinkludi mill-anqas dan li ġej:

(a) għarfien wiesa', fost il-personal impjegat fin-negozju tal-akkwakultura jew li jkun involut fl-ipproċessar ta' annimali tal-akkwakultura, ta' kull sinjal konsistenti mal-preżenza ta' xi marda u mat-taħriġ ta' veterinarji jew ta' speċjalisti tas-saħħa ta' annimali akkwatiċi fl-iskoperta u r-rappurtaġġ ta' mard mhux tas-soltu;

(b) veterinarji jew speċjalisti tas-saħħa ta' annimali akkwatiċi mħarrġa biex jagħrfu u jirrappurtaw meta jseħħ mard suspettuż;

(c) aċċess mill-awtorità kompetenti għal laboratorji bil-faċilitajiet ta' dijanjożi u difrenzjar ta' mardiet elenkati u li jkunu qed jiżviluppaw.

(5) Għandha tingħata deskrizzjoni skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/88/KE.

(6) Informazzjoni għandha tingħata bl-użu tat-tabella stabbilita fit-Taqsima A tal-Anness III. Applikabbli biss għal programmi ta' sorveljanza li għandhom ikunu approvati mill-Kummissjoni.

(7) Għandha tingħata deskrizzjoni qasira tal-programm flimkien mal-għanijiet prinċipali, il-miżuri prinċipali, il-kwantità mmirata, l-oqsma ta' implimentazzjoni u d-definizzjoni ta' każ pożittiv.

(8) L-erja koperta għandha tkun identifikata b'mod ċar u deskritta fuq mappa, li għandha tinhemeż bħala Anness mal-applikazzjoni.

(9) Erja ta' qbid ta' ilma fl-intier tagħha mill-għejun tiegħu sal-estwarju tiegħu.

(10) Parti minn erja ta' qbid ta' ilma mill-għajn/għejun sa lqugħ naturali jew artifiċjali li ma tħallix il-migrazzjoni 'l fuq ta' annimali akkwatiċi mill-wesgħat ta' isfel tal-erja ta' qbid ta' ilma.

(11) Aktar minn erja waħda ta' qbid ta' ilma, inklużi l-estwarji tagħhom, minħabba r-rabta epidemjoloġika bejn l-erjas ta' qbid ta' ilma permezz tal-estwarju.

(12) Kompartimenti magħmulin minn razzett wieħed jew aktar jew minn postijiet ta' tkabbir tal-molluski fejn l-istatus ta' saħħa fir-rigward ta' marda speċifika jkun indipendenti mill-istat ta' saħħa ta' ilmijiet naturali tal-madwar fir-rigward ta' dik il-marda.

(13) Kompartiment li jkun indipendenti mill-istat ta' saħħa ta' ilmijiet tal-madwar, għandu jkun ipprovdut b'ilma:

(a) permezz ta' impjant ta' trattament tal-ilma li jinattiva l-patoġenu rilevanti biex jitnaqqas ir-riskju li l-marda tidħol f'livell aċċettabbli; jew

(b) direttament minn bir, toqba jew nixxiegħa. Fejn il-provvista ta' ilma bħal dan tkun tinsab 'il barra mill-bini tar-razzett, l-ilma għandu jkun provdut direttament lir-razzett, u inkanalat permezz ta' pajp.

